MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2011

Appell Civili Numru. 392/2007/1

**Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq, Nicholas Jensen u Irene mart John Bache**

**v.**

**L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Artijiet**

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-intimat Kummissarju tal-Artijiet u Appell Incidentali tar-rikorrenti minn sentenza moghtija mill-Prim'awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Gunju 2009.

**2.** Ghal intendiment ahjar ta’ dan l-appell, il-Qorti qeghdha tirriproduci *in toto* s-sentenza appellata kif jidher hawn taht:

**Sentenza ta’ l-Ewwel Qorti**

**“I. PRELIMINARI.**

“Rat ir-rikors mahluf ta' Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq (Nru tal-Identita` 454749 M), Nicholas Jensen (karta tal-Identita` Nru 57654M) u Irene mart John Bache (Karta tal-Identita` Nru 388/81M) datat 3 ta’ April 2007 a fol. 1 tal-process fejn ippremettew:-

“Illi l-esponenti huma proprjetarji ta' sehem indiviz tal-fondi bin-numri 112, 113, 114, 116, 117 u 118 fi Triq it-Teatru l-Antik u l-fondi bin-numru 68, 68A, bieb bla numru, 70, u 71 illum immarkat 72 fi Triq l-Ifran, il-Belt Valletta;

“Illi l-esponenti Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq kienet ipproponiet kawza kontra l-intimati ghall-vjolazzjoni da parti tal-istess intimati tad-drittijiet fundamentali taghha bit-tehid tal-istess proprjeta`, l-fond 115 Triq it-Teatru l-antik li ghandha entratura ohra fuq 69 Triq l-Ifran, il-Belt, Valletta, fuq titolu ta' pussess u uzu, liema kawza fl-ismijiet "**Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs Avukat Generali et**" (Rikors Nru. 537/96) giet deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Jannar 2007, hawn ezibit u mmarkat Dokument ”A” u gie fost hwejjeg ohra dikjarat li dak it-tehid tal-proprjeta` taghha kien sar bi vjolazzjoni tad-dritt fundamentali taghha ghat-tgawdija tal-proprjeta` taghha kif protett bl-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u gew ordnati mill-istess Qorti biex jirrientegraw lir-rikorrenti fil-pussess tal-proprjeta` taghha;

“Illi *inoltre* r-rikorrenti kienu wkoll ipproponew kawza kostituzzjonali quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili ghad-dikjarazzjoni li t-tehid taht titolu ta' pussess u uzu tal-fondi bin-numri 112, 113, 114, 116, 117 u 118 fi Triq it-Teatru l-Antik u l-fondi bin-numru 68, 68A, bieb bla numru, 70, u

71 illum mmarkat 72 fi Triq l-Ifran, il-Belt Valletta kien jilledi d-drittijiet fundamentali taghhom liema kawza ghadha pendenti in gudizzju quddiem din l-Onorabbli Qorti;

“Illi sussegewenti ghall-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fuq citata l-intimati regghu intentaw, b'disprezz car ghad-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, jesproprjaw mill-gdid il-fond appartenenti lir-rikorrenti taht titolu ta' dominju pubbliku u dan permezz ta' zewg avvizi fil-gazzetta tal-gvern tat-23 ta' Jannar 2007 hawn ezibita u mmarkata Dok “B”, kif emendat bl-avviz numru 72 fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tal-25 ta' Jannar 2007, b'liema l-Gvern ta' Malta ddikjara l-fondi bin-numri 112,113,114,115, 116, 117, u 118 fi Triq it-Teatru l-Antik u l-fondi bin-numri 68, 68A, bieb bla numru, 69, 70, u 71 fi Triq l-Ifran kienu mehtiega mill-awtorita` kompetenti ghall-iskop pubbliku u illi l-akkwist taghhom ghandu jkun b'titolu ta' dominju pubbliku;

“Illi skont u *a tenur* tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skop Pubbliku, u izjed precizament skont l-**artikolu 5** tal-istess Ordinanza, *"meta art jehtieg li tigi akkwistata ghan-nom u ghal uzu ta' terza persuna ghal skop li ghandu x' jaqsam ma’ jew iservi ghall-interess pubbliku jew utilita` pubblika, l-akkwist ghandu, f’kull kaz jsir b' xiri assolut tal-art."*

“Illi huwa evidenti, kif ga rrizulta fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza ga deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fuq citata, li l-proprjeta` in kwistjoni ma hijiex mehtiega ghall-uzu tal-gvern imma ghall-uzu ta' terzi persuni li qieghed jaghmel uzu kummercjali mill-istess proprjeta`;

“Illi tali procedura hija evidentement kontra dak ga deciz mill-Qorti Kostituzzjonali u tikser bl-iktar mod gravi, minhabba li l-kwistjoni tinsab ga deciza, id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti bl-**ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 14** tal-istess Konvenzjoni u dan billi l-istess it-tehid mhuwiex mehtieg ghall-skop pubbliku u illi l-akkwist

taghha huwa diskriminatorju, minghajr kumpens adegwat u b'disprezz tal-awtorita` tal-Qorti Kostituzzjonali;

"Illi pero` apparti dan kollu *in vista* tal-**artikolu 5** tal-Ordinanza fuq imsemmija l-akkwist tal-proprjeta` tar-rikorrenti b'titolu ta' dominju pubbliku huwa *ultra vires* il-poteri tal-intimati u dan billi l-istess proprjeta` hija intiza ghall-uzu ta' terzi persuni u mhux tal-gvern ta' Malta;

"Illi ghalhekk l-istess rikorrenti talbu lill-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

"1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-akkwist tal-proprjeta` fuq imsemmija li ggib in-numri 112, 113, 114, 116, 117 u 118 fi Triq it-Teatru l-Antik u l-fondi bin-numru 68, 68A, bieb bla numru, 70, u 71 illum immarkati 72 fi Triq l-Ifran, il-Belt Valletta taht titolu ta' dominju pubbliku huwa irritu u null billi *ultra vires* il-poteri tal-intimati *in vista* tal-uzu minn terzi ghal liema l-istess proprjeta` hija destinata, u b'riserva ta' kull dritt spettanti lir-rikorrenti ghall-vjolazzjoni da parti tal-intimati tad-drittijiet fundamentali taghhom kif fuq inghad kif ukoll b'riserva ghal kull dritt ghad-danni kawzati lilhom bil-proceduri fuq imsemmija.

"B-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-12 ta' Marzu, 2007 kopja ta' liema hi hawn esbita u mmarkata Dokument "C", u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti a fol. 4 tal-process;

"Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument esebiti a fol. 7 sa fol. 46 tal-process;

"Rat id-digriet mahrug fil-11 ta' Lulju 2007 fejn giet appuntata bhala Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli (fol.56) sabiex tisma' l-provi.

"Rat ir-risposta guramentata tal-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Artijiet datata 30 ta' Lulju 2007 a fol. 59 tal-process fejn ecceppew li s-segwenti: -

"**<u>IN KWANTU GHALL-ECCEZZJONIJIET</u>**:

"1. Preliminarjament, illi l-Avukat Generali mhuwiex il-legittimu kontradditur ghall-azzjoni *a tenur* tal-**artikolu 181B tal-Kap. 12;**

"2. Preliminarjament ukoll, in kwantu illi l-kawza odjerna tirrigwarda fondi illi huma parti mill-fond gja maghruf bhala 'Casa Bonici' u llum huma nkorporati fl-Annex tat-Teatru Manoel, din il-kawza hija diretta sabiex titlob id-diskussjoni mill-gdid ta' mertu li diga' gie trattat fit-tul u deciz fil-kawza fl-ismijiet **'Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs Avukat Generali et'** (Rikors Numru 537/96) deciza fit-8 ta' Jannar 2007 mill-Qorti Kostituzzjonali, u senjatament il-mertu rigwardanti l-konformita` tal-iskop ta' l-esproprju u tal-uzu tal-fondi in kwistjoni mal-**artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea**. L-azzjoni odjerna ghalhekk in kwantu diretta kif fuq imsemmi tikkozza mal-awtorita` tar-*res iudicata* stabbilita permezz ta' l-imsemmija sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta' Jannar 2007;

"3. Preliminarjament ukoll, in kwantu l-azzjoni tirrigwarda allegat sehem indiviz tar-rikorrenti fil-fondi numru 112,113,114,116,117 u 118 fi Triq it-Teatru l-Antik u l-fondi numru 68, 68A, bieb bla numru, 70 u 71 illum immarkat 72 fi Triq l-Ifran, il-Belt Valletta liema sehem indiviz gej minn wirt, ir-rikorrenti ghandhom qabel xejn igibu prova tat-titolu taghhom u tal-provenjenza tal-imsemmija ishma indivizi u tad-denunzja tal-istess ishma skont l-**Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti** (*in vista* tal-**artikolu 63 tal-istess Att);**

"4. Preliminarjament ukoll, in kwantu l-azzjoni tirrigwarda allegat sehem indiviz tar-rikorrenti fil-fondi numru 112,113,114,116,117 u 118 fi Triq it-Teatru l-Antik u l-fondi numru 68, 68A, bieb bla numru, 70 u 71 illum immarkat 72 fi Triq l-Ifran, il-Belt Valletta, il-gudizzju mhuwiex integru *stante* illi l-azzjoni ma gietx intavolata mill-komproprjetarji kollha ta' dawk il-fondi. Dan specjalment *in vista* tal-fatt illi l-hlas ta' kumpens ghall-

esproprju in kwantu jikkoncerna lill-Kummissarju tal-Artijiet isir b'mod *intier* u d-divizjoni ta' dak l-ammont bejn id-diversi komproprjetarji hija kwistjoni privata ta' bejn l-istess komproprjetarji;

"5. Preliminarjament ukoll, *stante* li hemm kawza pendenti fl-ismijiet 'Nicholas Jensen sew proprju kif ukoll bhala prokuratur specjali tal-assenti Irene Bache, Helen Miles, Agnes Gera De Petri Testaferrata Bonici Ghaxiaq, Anna Maria Spiteri Debono sew proprju kif ukoll bhala prokuratur tal-assenti Caren Preziosi, Alfred Gera De Petri bhala ezekutur testamentarju tal-mejjet Alfio Testaferrata Bonici Ghaxiaq vs l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Artijiet' (Rikors Kostituzzjonali numru 543/96 JRM') li tinsab differita ghat-13 ta' Novembru 2007 ghall-provi tal-intimati liema kawza tirrigwarda l-fondi mertu ta' din il-kawza. It-talbiet tar-rikorrenti, li huma wkoll rikorrenti fl-imsemmija kawza, huma ghalhekk infondati u irritwali *stante* illi l-istess mertu qieghed jigi trattat quddiem qorti diversament presjeduta u din il-kawza giet intavolata inutilment u in vjolazzjoni tal-principju *'ne bis in idem'* specjalment in kwantu ghall-mertu tat-talbiet illi huma sostanzjalment identici fiz-zewg kawzi;

"6. Subordinatament illi l-esponenti jikkontestaw it-talbiet tar-rikorrenti *stante* illi fid-dispozittiv tad-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fuq imsemmija fl-ismijiet **'Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs Avukat Generali et'** (Rikors Numru 537/96) deciza fit-8 ta' Jannar 2007, il-Qorti irriteniet illi l-vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea ma kenitx tirrigwarda l-iskop li ghalih kienet qieghda tintuza l-proprjeta` izda kienet naxxenti biss mill-fatt illi l-istess rikorrenti Agnes Gera De Petri Testaferrata Bonici Ghaxiaq kienet qieghda tigi mgieghla ggorr piz sproporzjonat billi kienet qieghda tircievi kumpens li tqis bhala mhux adegwat. Dan in-nuqqas ta' proporzjonalita` kien limitat ghall-ammont ta' kumpens offrut ghall-kontroll u l-uzu tal-proprjeta` liema ammont kien ferm inqas minn dak li abbazi tieghu l-fond issa gie akkwistat b'titolu ta' dominju pubbliku. Ghaldaqstant, ma jsegwi bl-ebda mod illi meta l-Gvern akkwista l-fond b'titolu ta' dominju pubbliku versu kumpens adegwat u proporzjonat huwa

b'xi mod wera disprezz lejn id-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali jew wettaq xi diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti. Dan huwa konfermat ukoll fil-provvediment moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili diversament presjeduta fl-10 ta' April 2007, hawn anness u mmarkat bhala Dok. “AG 1” u bid-decizjonijiet relattivi tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-Qorti tal-Appell tal-10 ta' Mejju 2007 hawn annessi u mmarkati bhala Dok “AG 2” u “Dok “AG 3” rispettivament;

“7. Illi l-esponenti qieghdin jecepixxu formalment ukoll illi l-premessi tal-azzjoni in kwantu diretti ghall-kisba ta' dikjarazzjoni li l-akkwist b'titolu ta' dominju pubbliku huwa null u irritu *stante* illi *ultra vires*, huma wkoll infondati *stante* illi l-akkwist b'titolu ta' dominju pubbliku li kien ippublikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Jannar 2007 sar fl-interess pubbliku u sar skont il-Ligi. L-istess akkwist ma sarx ghan-nom u ghall-uzu ta' terza persuna' fis-sens tat-tielet *proviso* tal-**Artikolu 5 tal-Kap. 88** peress illi din il-proprjeta' tintuza bhala Annex tat-Teatru Manoel, it-Teatru Nazzjonali u hija fil-pussess tal-Gvern u gestita mill-*Manoel Theatre Management Committee*. Il-Qorti Kostituzzjonali fid-decizjoni msemmija kkonfermat illi l-uzu li jsir mill-proprjeta' ohra formanti parti mill-annex tat-Teatru huwa wiehed fl-interess pubbliku meta ma sabet ebda vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq dwar l-uzu tal-fond u spjegat li proprjeta` privata tista' tittiehed anke biex jigu promossi, anke jekk mill-privat, attivitajiet kummercjali li jkunu direttament, jew forsi anke indirettament, fl-interess pubbliku, sakemm dak l-interess pubbliku, dirett jew indirett, jibqa' jissussisti ghall-perijodu kollu ta' dik l-interferenza. Illi f’dan ir-rigward, l-esponenti jergghu jirreferu ghall-provvediment moghti fl-10 ta' April 2007 minn din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta (u konfermat fl-10 ta' Mejju 2007 mill-Qorti Kostituzzjonali u mill-Qorti tal-Appell) wara Rikors intavolat mill-esponent Kummissarju tal-Artijiet sabiex jigi revokat Mandat ta' Zgumbrament liema Mandat inhareg in segwitu ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta' Jannar 2007. Il-Qorti kkonfermat illi *in linea* mas-suespost, l-interpretazzjoni illi trid tinghata lid-decizjoni tal-Qorti

Kostituzzjonali hija illi l-vjolazzjoni tal-**Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll** kienet tikkonsisti fin-nuqqas ta' proporzjonalita` u mhux f'nuqqas ta' interess pubbliku;

"8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-akkwist taht titolu ta' dominju pubbliku sar sabiex il-Gvern jottempra ruhu mad-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali hawn fuq imsemmija u l-Gvern offra kumpens illi huwa proporzjonali meta kkumparat mal-piz illi r-rikorrenti qeghdin igorru. Il-kumpens fl-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm21,000) fis-sena (u cioe' aktar minn Lm57 kuljum), meta kkalkolat jirrapprezenta ammont ta' ftit aktar minn disgha u hamsin darba aktar mill-kumpens totali ta' Lm355 li kien offrut ghall-fondi kollha formanti l-annex tat-Teatru Manoel qabel ma inghatat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Hawnhekk izda l-esponenti jipprecizaw illi s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali kienet limitata ghall-fond numru 69 Triq l-Ifran kantuniera ma' 115, Triq it-Teatru li ghalih specifikament kien offrut l-ammont ta' Lm210 fis-sena ghall-pusses u uzu mis-somma komplessiva ta' Lm355 fuq imsemmija bir-rimanenti ammont ta' Lm145 fis-sena li kien offrut specifikatament ghall-fondi mertu tal-kawza odjerna;

"9. Illi l-akkwist b'dominju pubbliku, kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti, kien mehtieg ghal skop pubbliku, sar skond il-ligi u ma jikkostitwix esproprju ghan-nom u fl-interess ta' terzi fit-termini tat-tielet *proviso* tal-**Artikolu 5 tal-Kap. 88** u l-kumpens huwa adegwat u ghaldaqstant, la huwa diskriminatorju 'fil-konfront tar-rikorrenti u wisq anqas ma sar b'disprezz tal-awtorita' tal-Qorti Kostituzzjonali u, anzi sar proprju sabiex il-Gvern jottempra ruhu mas-sentenza ta' dik il-Qorti.

"10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;
"11. Bl-ispejjez.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-intimati a fol. 62 tal-process.

"Rat il-lista tax-xhieda flimkien mad-dokumenti esebiti a fol. 65 sa fol. 85 tal-process.

“Rat li dan ir-rikors guramentat kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-2 ta’ April 2008.

“Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli u d-dokumenti quddiemha pprezentati.

“Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tat-2 ta’ April 2008 fejn il-Qorti nnominat Perit Tekniku biex jaghmel stima tal-valur lokatizzju tal-fondi mertu tal-kawza odjerna u l-Qorti nnominat a spejjez provizorjament attrici lill-Perit Tekniku Godwin Abela.

“Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-atturi datata 30 ta’ Lulju 2008 a fol. 292 tal-process.

“Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Artijiet datata 16 ta’ Settembru 2008 a fol. 306 tal-process.

“Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti fejn fis-seduta tas-26 ta’ Novembru 2008 meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet u whud mill-atturi. Il-Professur Refalo esebixxa kopja tas-sentenza minn din il-Qorti diversament presjeduta tal-11 ta’ Novembru 2008 (LFS). Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett’ ostakolu ghat-30 ta’ April 2009; u tat-30 ta’ April 2009 fejn b’ordni tal-Qorti l-kawza giet differita ghat-18 ta’ Gunju 2009 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

“Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

“Rat l-atti kollha tal-partijiet u d-digrieti relattivi taghhom.

“Rat id-dokumenti esebiti.

“Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**“<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

“Illi permezz ta’ din l-azzjoni, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu lil din il-Qorti tistharreg tehid ta’ proprjeta` mill-intimati peress illi jsostnu illi dan sar *ultra vires* ghall-poteri ta’ l-istess intimati. Ir-rikorrenti qeghdin jitolbu illi tiddikjara dan it-tehid null u bla effett u dan peress illi t-tehid ma sarx skont il-ligi. Ir-rikorrenti ma humiex qeghdin jitolbu rizarciment tad-danni li setghu sehhew b’dan l-att amministrattiv u din il-Qorti lanqas ma qeghda tintalab tiddeciedi fuq kwistjonijiet ta’ natura kostituzzjonali. Hija kawza ta’ natura amministrattiva fejn din il-Qorti qeghda tintalab tistharreg att amministrattiv u tara jekk dan sehhx fil-parametri ta’ min ezercitah jew le illi u ghalhekk din il-Qorti ma hijiex ser taghmel kunsiderazzjonijiet ta’ natura kostituzzjonali.

“Illi l-ghemil amministrattiv illi r-rikorrenti qeghdin jilmentaw minnu huwa tehid ta’ proprjeta` u cioe` il-fondi bin-numru 112, 113, 114, 116, 117 u 118 fi Triq it-Teatru l-Antik u l-fondi bin-numru 68, 68A, bieb bla numru, 70, u 71 illum immarkat 72 fi Triq l-Ifran, il-Belt Valletta, liema tehid sar taht titolu ta’ dominju pubbliku permezz ta’ avvizi ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta’ Jannar 2007 kif emendat fil-25 ta’ Jannar 2007 (Dok. “B” a fol. 40).

“Illi r-rikorrenti qeghdin isostnu illi l-ghemil huwa *ultra vires* in kwantu jmur kontra l-ligi u cioe` kontra t**-tielet proviso ta’** l-**artikolu 5 ta’ l-Ordinanza Dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88 tal-Ligijiet ta’ Malta).** Jikkontendu illi l-intimati ma kellhomx il-poter illi jiehdu l-proprjeta` taht titolu ta’ dominju pubbliku izda setghu biss jesproprjaw din il-proprjeta` b’xiri assolut. **It-tielet proviso ta’ l-artikolu 5 ta’ dan l-Att** jipprovdi illi f’kaz li l-art tkun tehtieg illi tigi akkwistata ghan-nom jew ghall-uzu ta’ terzi ghal skop illi ghandu x’jaqsam ma’ jew iservi ghal interess pubbliku jew utilita` pubblika, l-akkwist ghandu jsir b’xiri assolut ta’ l-art. Jikkontendu illi l-esproprju huwa intiz ghall-uzu ta’ terzi u cioe` l-*Manoel Theatre Management Committee* li bhala entita` distinta mill-Gvern ghandha tkun meqjusa bhala terza persuna. Di konsegwenza, jikkontendu r-rikorrenti, it-tehid kellu jsir b’xiri assolut.

"Illi da parti taghhom l-intimati jargumentaw illi l-fondi in kwistjoni jintuzaw ghall-attivitajiet ancillari mat-Teatru u li jikkontribwixxu ghall-ahjar gestjoni tat-Teatru. *In oltre* jsostnu illi dawn il-fond qeghdin fil-pussess tal-Gvern u hija gestita mill-*Manoel Theatre Management Theatre* li huwa kollu kemm *"hu appuntat mill-Gvern, jservi lill-Gvern u jippromwovi l-kultura."* Isostnu ghalhekk illi l-fond gie esproprjat fl-interess pubbliku. L-intimati primarjament jistriehu fuq il-fatt illi l-Kumitat huwa appuntat mill-Gvern biex iwettqu funzjonijiet governattivi.

"Illi qabel ma jigi deciz il-mertu din il-Qorti jehtiegilha tidhol fl-eccezzjonijiet preliminari mressqa mill-intimata u l-ewwel wahda tikkoncerna l-illegittimita` ta' l-Avukat Generali bhala intimat. Fil-fatt permezz ta' l-ewwel eccezzjoni taghhom l-intimati eccepew illi l-Avukat Generali ma huwiex il-legittimu kontradditur. Isejsu din l-eccezzjoni fuq l-**artikolu 181 B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**.

"Illi **s-sub-inciz 2** ta' l-imsemmi artikolu jipprovdi car illi l-Avukat Generali ghandu jirrapprezenta l-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern.

"Illi il-kaz in ezami jirrigwarda ezami ta' att amministrattiv dwar modalita` ta' tehid ta' proprjeta` mill-Gvern. Illi tali att amministrattiv jaqa' taht il-mansjonijiet tal-Kummissarju ta' l-Artijiet u dan *ai termini* tal-**Kap. 88 tal-Ligjiet ta' Malta**. Il-Kummissarju ta' l-Artijiet huwa fil-fatt imharrek f'din il-kawza u ghalhekk l-Avukat Generali gie mharrek inutilment. L-Avukat Generali kellu biss jigi notifikat bl-atti *ai termini* tal-**artikolu 181B (3)** hawn imsemmi (ara **"Il-Perit Duminku Mintoff pro et noe vs Water Services Corporation et"** (P.A. (Sede Kostituzzjonali) – 20 ta' Gunju 2006)).

"Illi ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni preliminari hija fondata, qeghda tintlaqa' u l-Avukat Generali qed jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

"Illi t-tieni eccezzjoni moghtija mill-intimat hija dik tal-gudikat fejn l-intimati qed jecepixxu illi din il-Qorti qeghda tintalab terga' titratta u tiddeciedi dwar mertu illi diga` ghadda in gudikat permezz tas-sentenza **"Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs Avukat Generali et"** (Q.K. – 8 ta' Jannar 2007). Jeccepixxu illi l-mertu rigwardanti l-konformita` tal-iskop ta' l-esproprju u tal-uzu tal-fondi in kwistjoni mal-**artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea** diga` gie trattat u deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza hawn imsemmija.

"Illi f'dan is-sens jinghad illi sabiex il-Qorti takkolji eccezzjoni tal-gudikat huwa pacifiku fil-gurisprudenza lokali illi jridu jikkonkorru tliet elementi u cioe' *eadem res*, *aedem personae* u *eadem causa petendi*. Dawn it-tliet elementi gew trattati fit-tul minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Rabat Construction Limited vs Cutajar Construction Company Limited"** (P.A. (R.C.P.) – 9 ta' Jannar 2002) u f'diversi sentenzi ohra bhal **"Joseph Camilleri vs Lilian Mallia"** (A.C. - 5 ta' Ottubru 1998) u sentenzi aktar ricenti fosthom **"Doris Attard vs Julian Borg et"** (A.C. - 28 ta' Gunju 2001) u **"Edmea Pace vs Edward Pavia"** (P.A. – 3 ta' Lulju 2003).

"Illi fil-kaz in ezami, minn semplici qari tat-talba rikorrenti jidher car illi t-talba tirrigwarda il-fondi li jgibu n-numri 112, 113, 114, 116, 117 u 118 fi Triq it-Teatru l-Antik u l-fondi bin-numru 68, 68A, bieb bla numru, 70, u 71 illum mmarkat 72 fi Triq l-Ifran, il-Belt Valletta. Minn qari tas-sentenza kostituzzjonali hawn imsemmija jidher car illi din kienet tirrigwarda l-fond bin-numru 115 fi Triq it-Teatru kantuniera ma' Triq l-Ifran, Valletta u ghalhekk ma tirrigwardax l-istess fondi mertu ta' din il-kawza, u dan *oltre* kunsiderazzjonijiet ohra fosthom illi t-talbiet fil-kawza hawn imsemmija huma ta' natura kostituzzjonali fejn ir-rikorrenti kienu *inter alia* qeghdin jaghmlu talba ta' natura kostituzzjonali fejn il-Qorti intalbet tiddikjara illi hemm lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. L-indoli ta' din il-kawza mhumiex certament ta' natura kostituzzjonali izda hija wahda ta' stharrig amministrattiv kif inghad iktar 'il quddiem f'din is-sentenza fejn il-Qorti qeghda tintalab

tistharreg jekk att aministrattiv sarx entru u fil-limiti tal-poteri moghtija lill-Kummissarju ta’ l-Artijiet jew le u cioe` jekk l-esproprju in kwistjoni setax isir taht titolu ta' dominju pubbliku kif fil-fatt sar jew taht titolu iehor. Fil-fatt f’din il-kawza odjerna r-rikorrenti qeghdin jaghmlu rizerva ghal kull dritt li jista’ jkollhom ghall-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali. Din il-Qorti thoss li fuq dan il-punt id-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet **“Agnes Gera De Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs l-Avukat Generali et”** (P.A. (L.F.S.) – 11 ta’ Novembru 2008) hija konformi ma’ dak hawn deciz. Ghalhekk din l-eccezzjoni ma hijiex fondata u qeghda tigi michuda.

“Illi permezz tar-raba’ eccezzjoni taghhom, l-intimati eccepew illi l-gudizzju mhuwiex integru u dan peress illi l-azzjoni proposta minnhom tirrigwarda sehem indiviz tar-rikorrenti fil-fondi numru 112,113,114,116,117 u 118 fi Triq it-Teatru l-Antik u l-fondi numru 68, 68A, bieb bla numru, 70 u 71 illum immarkat 72 fi Triq l-Ifran, il-Belt Valletta u l-azzjoni ma gietx intavolata mill-komproprjetarji kollha ta' dawk il-fondi.

“Illi fuq dan il-punt din il-Qorti tikkondividi l-hsieb enuncjat fis-sentenza ricenti fl-istess ismijiet **“Agnes Gera De Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs l-Avukat Generali et”** (P.A. (L.F.S.) – 11 ta’ Novembru 2008) fejn il-Qorti rriteniet illi komproprjetarja ghandha d-dritt bhal kull sid parzjali iehor illi tippromwovi l-azzjoni taghha biex tattakka att amministrattiv u mhux necessarju illi jkun hemm s-sidien kollha. F’dan is-sens taghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **“Dr. Riccardo Farrugia noe vs Kummissarju ta’ l-Artijiet”** (A.C. – 30 ta’ Mejju 2003) fejn l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell dahlet f’analizi dettaljata tal-kuncett tal-integrita` tal-gudizzju. Fil-kaz in ezami, jidher car illi mit-talba attrici illi l-interess tar-rikorrenti jista’ jigi stabbillit ghalihom u minghajr il-htiega tal-involviment tal-komproprjetarji l-ohra. L-intimati jserrhu din l-eccezzjoni fuq il-fatt illi l-hlas ta' kumpens ghall-esproprju isir b'mod intjier u d-divizjoni ta' dak l-ammont bejn id-diversi komproprjetarji hija kwistjoni privata ta' bejn l-istess komproprjetarji. Biss pero` il-mertu ta’ din il-kawza bl-ebda mod ma jirrigwarda l-kumpens illi jircievu l-

komproprjetarji. It-talba attrici, anke kif ser jinghad ukoll iktar ‘il quddiem f’din id-decizjoni, hija ben differenti minn dak li qed isostnu l-intimati u fil-fatt hija limitata ghal dikjarazzjoni dwar il-validita` *o meno* ta’ att amministrattiv u ghalhekk ma hemmx in-necessita` illi li l-komproprjetarji kollha jkunu parti fil-kawza. Ghalhekk din l-eccezzjoni ma hijiex gusitifikata u qeghda tigi michuda.

“Illi permezz tal-hames eccezzjoni taghhom l-intimati jecepixxu illi hemm kawza pendenti fl-ismijiet **“Nicholas Jensen sew proprju kif ukoll bhala prokuratur specjali tal-assenti Irene Bache, Helen Miles, Agnes Gera De Petri Testaferrata Bonici Ghaxiaq, Anna Maria Spiteri Debono sew proprju kif ukoll bhala prokuratur tal-assenti Caren Preziosi, Alfred Gera De Petri bhala ezekutur testamentarju tal-mejjet Alfio Testaferrata Bonici Ghaxiaq vs l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Artijiet”** (Rikors Kostituzzjonali Numru: 543/96JRM) liema kawza tirrigwarda l-fondi mertu ta' din il-kawza u li ghalhekk qed jeccepixxu li t-talbiet tar-rikorrenti qeghdin gja jigu trattati quddiem Qorti diversament presjeduta.

“Illi pero’ din l-eccezzjoni ma tistax tintalqa’ peress li din hija kawza ta’ natura amministrattiva filwaqt illi l-proceduri pendenti li ghalihom saret riferenza mill-intimati huma ta’ natura kostituzzjonali u ghalhekk min-natura taghhom iz-zewg kawzi ma ghandhomx u ma jistax ikollhom l-istess mertu. Ghalhekk din l-eccezzjoni wkoll qeghda tigi respinta.

“Illi dwar il-mertu din il-Qorti hadet nota ta’ dak kollu premess u thoss li jirrizulta bhala fatt li il-*Manoel Theatre Management Committee* huwa entita` li tidhol u dahlet f’arrangementi ma’ terzi persuni sabiex igestu l-istess fondi, liema terzi huma ghal kollox distinti u ndipendentement mill-Gvern. Prova ta’ dan huma l-varji ftehim illi dan il-kumitat kellu jew ghandu ma’ entitajiet ohra ghall-gestjoni ta’ partijiet mill-proprjeta` in kwistjoni fosthom mas-socjetajiet Patrimonju Publishing Limited u Fumia Company Limited (Dok. “AM14 -19”).

"Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li fl-argumenti taghhom l-intimati, jidhru illi ma humiex jaghmlu distinzjoni bejn dak illi huwa il-kuncett ta' skop pubbliku u dak "uzu minn terzi". Jaghmlu referenza ghas-sentenza **"Agnes Gera De Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs L-Avukat Generali"** (Q.K. – 8 ta' Jannar 2007) fejn il-Qorti trattat fid-dettall jekk it-tehid tal-fond bin-numru 115 fi Triq it-Teatru, il-Belt (mhux mertu ta' din il-kawza) ukoll espropriat kienx fl-interess pubbliku jew le. Jiccitaw lill-Qorti Kostituzzjonali fejn irriteniet illi:-

*"...ma jfissirx illi proprjeta` privata ma tistax tittiehed anke biex jigu promossi (anke jekk mill-privat) attivitajiet kummercjali li jkunu direttament, jew forsi anke indirettament, fl-interess pubbliku ...".* F'dan is-sens l-intimati ghamlu wkoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Abdilla vs Onor. Segretarju Parlamentari ghall-Ambjent u Artijiet et"** (Q.K. – 30 ta' Mejju 2003). Filwaqt illi din il-Qorti taqbel ma' dan il-hsieb, madankollu jrid jinghad illi l-punt in kwistjoni f'din il-kawza ma huwiex l-interess pubbliku o meno. Wiehed irid joqghod attent illi hawn qeghdin fil-kamp tad-dritt amministrattiv u ma huwiex qieghed jigi ssindikat l-iskop pubbliku illi ghalih gew espropriati l-fondi izda din il-Qorti, fil-kaz in ezami, qeghda tintalab tezamina jekk effettivament hemmx jew le uzu minn terzi tal-fondi in kwistjoni, indipendetement mill-interess pubbliku li jista' jkun hemm.

"Illi fid-dawl tal-provi mressqa u ta' l-argumenti mressqa miz-zewg nahat, din il-Qorti filwaqt illi ma tistax tinjora illi filwaqt li minn naha wahda dan il-Kumitat huwa appuntat mill-Gvern u ghandu funzjonijiet governattivi, mill-banda l-ohra ma tistax tinjora illi l-mod kif jiggestixxi l-proprjeta` espropriata juri illi huwa entita` distinta mill-Gvern u ghalhekk terz. Jinghad dan fid-dawl tal-mod kif dahal f'arrangamenti ma' entitajiet privati ohra kif jissemma u gie indikat anke f'din id-decizjoni. Jirrizulta illi dawn l-arrangementi saru minghajr ma kienet giet segwita l-procedura apposita ghal trasferiment ta' artijiet tal-Gvern ikkontemplata fl-**Att Dwar it-Trasferiment ta' l-Artijiet tal-Gvern – Kap. 268 tal-Ligijiet ta' Malta.** Jidher li mhuwiex ikkontestat lanqas mill-intimati illi dan il-Kumitat

jimpjega lil terzi li ma huma bl-ebda mod irregolati mill-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku. Dan kollu jsahhah il-fehma tal-Qorti illi l-Kumitat ghandu jitqies mhux bhala enti governattiva izda bhala terz u ghalhekk l-uzu li qieghed isir mill-fondi in kwistjoni huwa minn terz.

“Illi fuq kollox din il-Qorti thoss li gie ppruvat li l-*Manoel Theatre Management Committee* bhala enti hija indipendenti u awtonima mill-Gvern b’personalita’ guridika distinta u tidhol f’kuntratti u taghmel kirjiet, timpjega atturi u muzicisti u anke persuni ohrajn indipendentement mill-Gvern. L-impjieg tal-istess persuni ma huwiex regolat mill-*Public Service Commission* u l-impjegati taghha ma humiex *civil servants* u meta tigi sabiex tiddisponi mill-istess proprjeta’ favur terzi ma tosservax id-disposizzjonijiet tal-**Kap. 268.** Dan ghalhekk iwassal sabiex jinghad li l-akkwist li sar mill-Gvern ghan-nom u ghall-uzu tal-*Manoel Theatre Management Committee*, dan sar ghan-nom u ghall-uzu ta’ terza persuna u ghalhekk kellu jsir necessarjament permezz ta’ xiri assolut u mhux taht dominju pubbliku. Jinghad ukoll li l-istess *Manoel Theatre Management Committee* ma zammewx l-ambjenti espropriati kollha f’idejhom imma fil-maggor parti taghhom krewhom lill-terzi, fosthom fejn hemm hwienet mikrija lill-terzi, cafeteria u restuarant li jkopru l-pjan terren, u wkoll ufficini mikrija lill-entitajiet ohra kollox kif jinsab indikat fl-atti ta’ din il-kawza (ara wkoll is-sentenza citata **“Agnes Gera De Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs l-Avukat Generali et”** (P.A. (L.F.S.) – 11 ta’ Novembru 2008). Dan ifisser li effettivament l-istess proprjeta’ qed tintuza minn terzi persuni ghal skopijiet anke ta’ kummerc u dan kif jirrizulta ppruvat b’mod mill-iktar car mill-atti kollha ta’ din il-kawza. Konsegwenti ghal dan kollu jirrizulta li t-**tielet proviso ta’ l-artikolu 5 tal-Kap. 88** kellu jigi osservat, b’dan li fid-dawl ta’ dan kollu, din il-Qorti thoss illi l-esproprju hekk kif sar, ma sarx skont d-disposizzjonijiet tal-**Kap. 88 tal-Ligijiet ta’ Malta** u kien *ultra vires* ghall-istess u ghalhekk imur ukoll kontra l-**artikolu 469A (1) (b) (iv) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta** u ghalhekk huwa null u minghajr effett u b’hekk tilqa’ t-talba attrici.

"Illi din il-Qorti tosserva wkoll li r-rikorrenti *inoltre* jilmentaw mill-kumpens illi qieghed jigi offrut lilhom. Isostnu illi l-offerta tal-kumpens ma hijiex qeghda ssir skont il-ligi u cioe` skont id-disposti kontenuti **f'Kap. 88,** ma hijiex sufficjenti u *inoltre* il-kumpens offrut huwa wiehed kumplessiv in kwantu jikkomprendi wkoll kumpens fuq fond iehor mhux mertu ta' din il-procedura u cioe` l-fond bin-numru 115 fi Triq it-Teatru fil-Belt (li kif inghad iktar 'il fuq jifforma l-mertu ta' kawza ohra).

"Illi din il-Qorti thoss li bil-mod kif hija formulata din il-kawza ma ghandhiex u ma hijiex ser taghmel kunsiderazzjonijiet dwar dawn il-punti in kwantu t-talba rikorrenti hija wahda cara fejn din il-Qorti qeghda tintalab tistharreg jekk it-tehid taht titolu ta' dominju pubbliku tal-proprjeta` mertu ta' din il-kawza jikkostitwix ghemil illi huwa *ultra vires* ghall-poteri ta' l-intimati jew le u dan *"... in vista tal-uzu minn terzi ghal liema l-istess proprjeta` hija destinata...",* punt illi gie trattat iktar 'il fuq. Ghalhekk kwalunkwe kunsiderazzjonijet fuq dawn il-punti l-ohra huma superfluwi u johorgu ghall-kaz u jesorbitaw mill-ambitu tal-kaz in ezami.

"Illi ghalhekk it-talba attrici kif proposta qed tigi milqugha.

**"<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tilqa' l-ewwel eccezzjoni** tal-intimati u tillibera lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju u filwaqt li **tichad it-tieni, it-tielet, ir-raba` u l-hames eccezzjoni** tal-istess intimati u l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-istess intimati, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

"(1) Tiddikjara u tiddeciedi li l-akkwist tal-proprjeta` fuq imsemmija li ggib in-numri 112, 113, 114, 116, 117 u 118 fi Triq it-Teatru l-Antik u l-fondi bin-numru 68, 68A, bieb bla numru, 70, u 71 illum immarkati 72 fi Triq l-Ifran, il-Belt Valletta taht titolu ta' dominju pubbliku huwa irritu u null billi huwa *ultra vires* il-poteri tal-intimat

Kummissarju ta' l-Artijiet *in vista* tal-uzu minn terzi ta' l-istess proprjeta`.

"Illi din id-decizjoni qed tinghata b'riserva ghal kull dritt li jista' jkun spettanti lir-rikorrenti ghall-allegata vjolazzjoni da parti tal-intimati tad-drittijiet fundamentali taghhom kif ukoll b'riserva ghal kull dritt li jista' jkun spettanti lilhom ghad-danni allegatament ikkawzati lilhom bil-proceduri fuq imsemmija.

"Bl-ispejjez kollha ta' dan il-kaz kontra l-intimat Kummissarju ta' l-Artijiet."

**L-Appell tal-Kummissarju tal-Artijiet**[1]

**3.** L-intimat Kummissarju tal-Artijiet hassu aggravat bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel grad moghtija fit-18 ta' Gunju 2009 u interpona appell minnha b'rikors ipprezentat fis- 26 ta' Gunju 2009.

**4.** Fil-qosor l-aggravji tal-appellant Kummissarju tal-Artijiet huma s-segwenti:

i. L-ewwel Qorti filwaqt li annullat l-att amministrattiv ta' esproprju tal-fond *de quo* b'titolu ta' dominju pubbliku injorat kompletament illi l-azzjoni ghall-annullament ta' tali att amministrattiv *ai termini* tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 hija impropronibbli f'kaz bhal ma hu dak *de quo.*

ii. L-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni hazina tal-ligi fis-sens li interpretat hazin it-tielet proviso tal-Artikolu 5 tal-Kap. 88.

iii. L-ewwel Qorti injorat ghal kollox in-nuqqas ta' prova da parti tar-rikorrenti tad-denunzja tas-sehem indiviz illi l-istess rikorrenti tippretendi li ghandha fil-fondi inkwistjoni, liema sehem gej minn wirt.

**Appell incidentali tar-rikorrenti**.

[1] L-ewwel Qorti ddikjarat li l-Avukat Generali mhux legittimu kontradittur.

**5.** Ir-rikorrenti fir-risposta taghhom ghall-appell tal-intimat interponew appell incidentali mis-sentenza precitata inkwantu huma hassewhom aggravati bil-fatt li l-Avukat Generali gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

**It-Twegibiet**

**6.** Iz-zewg appellanti pprezentaw ir-risposti taghhom tal-appell fejn l-aggravji relattivi ta' kull appellant gew kollha kontestati.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**7.** Illi din il-Qorti kif komposta illum stess iddecidiet il-kawza fuq l-istess mertu fl-ismijiet **Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq v. L-Avukat Generali u l-Kummissarju ta' l-Artijiet** Citaz. Nru. 327/2007 LFS. Illi a skans ta' ripetizzjoni inutili din il-Qorti ser taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet li hija ghamlet u r-ragunijiet li tat f'dik il-kawza li ghandhom japplikaw *in toto* ghal din il-kawza billi l-mertu hu l-istess u l-istess aggravji gew determinati wkoll f'dik il-kawza.

**Decide**

**8.** Ghal dawn il-motivi l-Qorti billi (i) tichad l-appell incidentali tar-rikorrenti; (ii) tichad (1) u (3) aggravju tal-intimat appellant; (iii) tilqa' (2) aggravju tal-intimat u konsegwentement tirrevoka s-sentenza appellata. L-ispejjez tal-ewwel istanza u tal-appell jinqasmu kwantu ghal zewg terzi ($^{2}/_{3}$) ghar-rikorrenti u terz ($^{1}/_{3}$) ghall-intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------